**Convent of the Sacred Heart School Foundation – Junior School**

**Sample Paper**

**IS-SITT SENA** **MALTI** **ĦIN : 20 minuta**

**(FEHIM MIS-SMIGĦ)**

**Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**

**Oqgħod attenta l-ħin kollu.**

**Ara li tkun weġibt sewwa.**

**<u>Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba</u>.** **(10 marki)**

1. Fejn kienet il-familja?

a) Fil-kċina

b) Fis-salott

ċ) Fil-ġnien

d) Fil-lukanda

2. Il-ġenituri kienu jisimhom

a) Karm u Marija

b) Sandra u Lino

ċ) Karm u Sandra

d) Lino u Marija

3. X’kien qed jagħmel Nene` ?

a) jilgħab bil-ferrovija

b) jferfer denbu

ċ) jikteb bil-lapes

d) kien fiċ-ċentru tal-Parroċċa

4. Min kellu geddumu mal-art ?

a) Miċċi

b) Nene`

ċ) Betta

d) Lino

5. X’ħin ġrat din il-ġrajja ?

a) Filgħodu

b) Wara nofsinhar

ċ) Waqt il-kolazzjon

d) Tard bil-lejl

6. Min mit-tfal ħareġ flimkien?

a) Philip u Lino

b) Miċċi u Nene`

ċ) Karm u Sandra

d) Marija u Betta

7. Il-biża' tas-Sur Karm kienet

a) mill-wirdien

b) mill-għatba

ċ) mill-kunjata

d) mis-sajjetti

8. Kemm jissemmew tfal fis-silta?

a) erbgħa

b) ħamsa

ċ) sitta

d) sebgħa

9. L-espressjoni **'bejniethom kienet għaddejja burraxka ġmielha'** tfisser li

a) kien hemm maltempata barra.

b) bejn Karm u martu kien hemm l-inkwiet.

ċ) kienet daħlet buffura riħ.

d) bejn Karm u martu kollox kien qed jimxu ġmielu.

10. L-espressjoni **'tirfes il-kallu ta' xi ħadd'** tfisser li

a) tweġġa' l-kallu ta' xi ħadd.

b) tirfes ir-riġel ta' xi ħadd.

ċ) tindaħal fejn ma jesgħakx.

d) tidħak b'xi ħadd.

# Il-Kunjata

Darba, bħas-soltu, is-Sur Karm u martu kienu fis-salott; Karm jaqra, martu tħit.

Lino li kellu għaxar snin, kien qed jilgħab b'ferrovija li kellu quddiemu fuq mejda, taħdem bil-batteriji. Nene`, ta sitt snin, kien qiegħed fil-pożizzjoni favorita tiegħu; żaqqu mal-art, jagħmel il-homework.

Miċċi, il-ferħ tal-qattus, kien qed jittawwal minn taħt il-pultruna, b'geddumu mal-art u denbu jferfer bil-mod, għajnejh imsammrin fuq il-lapes ta' Nene', lest biex jaqbeż għal fuqu.

Kien xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Marija, it-tifla l-kbira, kienet ħarġet lil oħtha ż-żgħira, Betta; u ħuhom Philip kien qiegħed fiċ-ċentru tal-Parroċċa.

Għad li Karm u martu kienu qegħdin kwieti bla ma jitniffsu. Min josservahom kien jgħid li bejniethom kienet għaddejja burraxka ġmielha. Il-ħars li kultant Karm kien qed jitfa' minn wara l-ktieb li, taparsi kien qiegħed jaqra, kienu qishom sajjetti.

Għax għandkom tkunu tafu li s-Sur Karm kien ibati b'ċerta marda li jbatu biha min jaf kemm irġiel ! Kellu biża' kull darba li kien ikun jaf li għandha tirfislu l-għatba l-kunjata.

Povra kunjata ! Omm Sandra kienet mara mill-aħjar, dejjem imġenna għal wara bintha u għal wara t-tfal ta' bintha, speċjalment it-tnejn iż-żgħar, Nene` u Betta.

Biex turi kemm kienet tal-ħsieb, is-Sinjura Nora, għax hekk kien jisimha omm Sandra, kienet tindaħal f'kollox.

Jagħmel x'jagħmel is-Sur Karm għal bintha qatt mhu biżżejjed. Sa fejn iwaħħal l-inkwatri kienet trid tgħidlu. U dan, jekk trid tirfislu l-kallu, indaħallu fejn ma jesgħakx.

**Convent of the Sacred Heart School Foundation – Junior School**

| | | |
|---|---|---|
| **IS-SITT SENA** | **MALTI** | **ĦIN : 20 minuta** |

**Taħriġ il-fehem**

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** **(20 marka)**

## L-Iskeletru ta' fuq il-bjut

Tassew inħossni xbajt! Ma kienx mument li dħalt naħdem bħala waħx niġġerra fuq il-bjut, biex bil-passi tiegħi nwerwer lil min ikun taħt is-saqaf. Tassew ngħir għal sħabi l-oħra, ilkoll komdi ġo xi palazz jew villa jew kastell; waqt li jiena dejjem waħdi niġġerra qisni baħnan minn bejt għall-ieħor. Sħabi jkollhom is-sodisfazzjon li jaraw lill-bnedmin jinħasdu u jitwerwru minnhom, iżda jien lanqas biss inkun naf humiex qed jibżgħu minni jew inkella hux qed iwaħħlu fil-qtates jew f'xi tieqa li mingħalihom qed tħabbat bir-riħ.

Jien skeletru...għadam biss! Għażlu lili għal fuq il-bjut għax il-kap kien qal li jien l-aktar li nagħmel ħoss. U minn daqshekk għandu raġun għax għadmi jfaqqa' u jċekċek ma' kull pass, l-aktar meta nagħmel xi żewġ kutrumbajsi fuq xi saqaf taż-żingu. Imma kemm tiflaħ iddum waħdek fuq il-bjut! Qatt smajtu 'l min igerger mill-kesħa xxoqq il-għadam? Staqsu lili x'jiġifieri! Ikolli nidħol nitgezzez ġo xi barumbara tinten tal-ħamiem. U la jibqa jimpurtani mill-ġiri u lanqas mit-twerwir.

Xbajt u ddejjaqt! U daż-żmien kif tista' tiġri fuq il-bjut? Kullimkien wajers! Kollox għanqbuta waħda. L-ewwel darba li tfixkilt ġo wajer kien waqagħli l-għadam kollu ta' driegħi tal-lemin. Domt lejl sħiħ inżommu f'postu għadma, għadma b'idi x-xellugija...nirtgħod bil-qatgħa li ħadt u bil-biża' li ma mmurx inqiegħed xi għadma ħażina u jkollhom ipoġġuhieli fil-ġibs.

U xi ngħidu għat-tankijiet tal-ilma? Il-bjut kollha ingumbrati b'kull tank daqs dinja. Lanqas niftakar ma rrid! Hawn bnedmin traskurati wisq. Suppost li kull tank tal-ilma jkun mgħotti bl-għatu imma xi ħadd gustuż ħallieh mikxuf. Bqajt dieħel ġo fih u mad-daqqa waqagħli x-xedaq ta' taħt ġol-ilma. Ħadt <u>battikata</u> tax-xjafek nistad ghal-snieni minn ġo qiegħ it-tank. L-ilma kien iffrizat u bir-rogħda li qadbitni ħsibt li se jinqalgħu t-truf ta' subgħajja minn posthom.

Ma nistax nibqa' sejjer hekk. Is-sena l-oħra bgħatt ngħid lill-kap li xbajt u ddejaqt sal-ponta ta' mnieħri. Ried jagħmilha tal-ħelu. Qalli, "Ma jistax ikun, għax int m'għandekx imnieħer!" Issa

bgħattlu applikazzjoni formali. Tlabtu biex minn fuq il-bjut jittrasferini għaċ-ċimiterju tar-raħal. Hemm forsi nkun xi ftit aħjar. Dejjem issib ma' min tgħid kelma għax kuljum jaslu residenti ġodda. U meta jkun il-maltemp dejjem tista' tinżel tiegħu nagħsa ġo xi qabar vojt, minflok ġo dik il-barumbara bil-ħamiem kollu jħammeġ fuqek u jġibek riħa ta' mejtin! U barra minn hekk, fiċ-ċimiterju nista' nwerwer lid-deffien, jew lil xi żewġ reffiegħa. Dawk ma jistgħux jaħilfu li ma jersqux 'l hemm iżjed għax dak ħobżhom.

Nittama li l-kap jaċċetta l-applikazzjoni. Wara kollox, naf b'ħafna każi fejn ħarsijiet ingħataw trasferimenti, jew għax talbuh huma jew b'kastig. Niftakar li l-ħares tal-kampnar kien bagħtu fil-kannierja bħala kastig talli ħalla lill-bniedem joħodlu ritratt. U niftakar ukoll lill-patri tal-kunvent li kien ikanta, bagħtu għal ħamsin sena fl-għerien ta' fuq il-wied għax talbu ftit mistrieħ. Allura miegħi se joqgħod iġibha bi kbira?

U wara kollox, jekk narah se joqgħod iġibha bi kbira, nagħmillu waħda minn tiegħi. Nagħmel strajk! Nitla' mal-ogħla arblu u nibqa' hemm, lejl u nhar, inħalli lil kulħadd jarani u ngħidilhom ċar min jien u l-għaliex tlajt hemm fuq. U mhux biss inħallihom joħduli r-ritratti imma anki jġibuni fuq il-gazzetti u jagħmluli intervista. Imbagħad il-kap jkun jaf jien xi nsarraf.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba** (marka kull waħda)

1. F'din l-istorja qed jitkellem:
   a) Bniedem
   b) Waħx
   c) tifel

2. Postu huwa:
   a) fiċ-ċimiterju
   b) fit-toroq
   c) fuq il-bjut

3. Dan il-ħares jidher li:
   a) ddejjaq ħafna b'xogħlu
   b) kuntent jaħdem fuq il-bjut
   c) ma jrid jagħmel xejn

4. L-iskeletru jixtieq li jibda jaħdem:
   a) ġo xi palazz
   b) ħdejn il-baħar
   c) fiċ-ċimiterju

**Wieġeb**

1. X'inhu xogħol l-iskeletru? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Għaliex jgħir għal sħabu? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex għażlu lilu biex joqgħod fuq il-bjut? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. X'inhuma l-aktar żewġ affarijiet li ddejjaq bihom u minħabba fihom ma jixtieqx jibqa' fuq il-bjut? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Xi ġralu meta darba tfixkel ġo wajer? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Xi ġralu meta darba baqa' dieħel ġo tank bla għatu? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Lil min bagħat applikazzjoni formali u għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Agħti 3 raġunijiet għaliex jixtieq imur fiċ-ċimiterju. (3 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. X'se jagħmel l-iskeletru jekk jara li l-kap qed iġibha bi kbira? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Agħti tifsira lill-kliem b'sing taħtu fl-istorja:**

10a) battikata - ______________________________________________________

10b) iġibha bi kbira - ______________________________________________________

## Grammatika

Total: _____/35

1. **<u>Imla bil-konsonanti meħtieġa:</u>**

   ___ewż ga___ etta (2 marki)

   __fin kel__

2. **<u>Agħti l-għadd imtenni :</u>** (marka)

   Sieq - ______________

   Widna- ______________

3. **<u>Żar jew Żgħar</u>** (marka)
   It-tfal iż- ________ marru jilagħbu ħdejn il-bandli.

4. **<u>Agħti n-nom kollettiv ta':</u>** (marka)

   _______ basal merħla ___________

5. **<u>Ikteb il-plural ta:</u>** (marka)

   Sodda -______________ tazza- _____________

6. **<u>Ara x'hemm miktub fil-parentesi. Ikteb it-tweġiba t-tajba fil-vojt. Tnejn minnhom lesti.</u>** (10 marki)

   **<u>Lil</u>** (partiċella) Pawlu jafu kulħadd. Joqgħod ftit 'il bogħod min-naħa tagħna. Tarah _______ *(partiċella)* triq tagħrfu __________ *(partiċella)* ewwel.

   **<u>Qasir daqs tapp</u>** *(qasir ħafna ħafna)* u ______________________ *(oħxon ħafna ħafna),* saqajh bħal tal-papri, ħafi, wiċċu qisu rota ta' karrettun u dejjem ______________________ *(abjad ħafna ħafna),* imnieħru ________________________ *(mgħawweġ ħafna ħafna ),* xagħru qisu______________________ *(nom kollettiv għal ħafna suf)* u widnejh twal iżżejjed. Kulħadd iġebbidhomlu forsi xi darba joqgħod kwiet.

Pietru kien ______________________ *(is-superlattiv ta' goff)* fost ħbiebu kollha imma kien ______________________ *(superlattiv ta' ħafif)* f'xi tiġrija.

Ħafna nies jgħidu li huwa ______________ *(wieħed li jemmen dak kollu li jisma')* imma x-xjuħ tar-raħal jgħidu li huwa vera _____________. *(wieħed li jindaħal f'kollox)*

7. **<u>Dawn huma titli meħudin minn ġurnali Maltin. Imla l-vojt skond il-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta.</u>** (5 marki)

a) Riħ **<u>ivenven</u>** *(ħoss)* u ragħad ___________ *(ħoss)* jinstema' ma' Malta kollha.

b) _______________ *(ħaddiem)* mill-Belt jagħmel l-ikbar ħobża ta' Malta.

c) In-_____________ *(ħaddiema)* jingħataw permess joħorġu jonsbu fi żmien il-passa.

d) Kelb mitluf jinstab il-Buskett imma sar ___________________________. *(idjoma li turi li sar irqiq ħafna).*

e) Għamlet medja ta' ___________________________________________ *(ikteb 18.56 mm fi kliem)* xita.

8. **<u>Ikteb il-mamma u l-għerq skont il-verb</u>:** (8 marki)

| VERB | MAMMA | GĦERQ |
|---|---|---|
| Ħaslet | | |
| Marru | | |
| Tilfet | | |
| Waqgħet | | |

9. **<u>Ikteb idjoma flok it-tifsira</u>:** (2 marki)

a) Toni sejjer l-Awstralja avolja _________________________ (wasal biex imut).
b) Ta' faċċata tagħna kieku qatt taraha titbissem, dejjem __________________ (bil-geddum).

10. **<u>Agħti l-kmand singular u plural ta':</u>** (4 marki)

| VERB | SINGULAR | PLURAL |
|---|---|---|
| **Xorob** | | |
| **Mexa** | | |

**Ikteb komponiment ta' madwar 125 - 150 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti.**

Titlef il-marki jekk tikteb sentenza kif ġie ġie u bl-iżbalji tal-ortografija u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiva. (25 marka)

1. Inti mort mal-ġenituri tiegħek jumejn f'lukanda. Meta kontu hemm ġejtu ttrattati tajjeb ħafna.
   *(Ikteb* ***ittra*** *ta' tliet paragrafi lid-direttur tal-lukanda. Fiha spjega għalfejn qed tikteb, x'għamilt waqt li kont il-lukanda, x'laqtek l-iktar fis-servizz tal-lukanda u x'jista' jitjieb.)*



2. Ma kinitx ħarġa li vvinta missieri nhar il-Ħadd. Qatt ma bsarna x'ser jiġri. Fi triqitna lejn……….. *(Kompli l-istorja.)*

3. Is-Sabiħ u l-ikraħ tal-kompjuter. (Ikteb dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li għandu l-kompjuter).



4. Ikteb rapport dwar inċident tat-traffiku li rajt.

5. X'sar mill-ikel li ppreparajna?
   *(Ħares lejn l-istampi u għid x'ġara.)*

1



2



3



4



5



6

